MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-2 ta' Novembru, 2005

Citazzjoni Numru. 214/2001/1

**Cutrans Limited.**

**-vs-**

**Kontrollur tad-Dwana.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fit-8 ta' Frar, 2001 li permezz taghha s-socjeta' attrici ppremettiet:

Illi fis-26 ta' Dicembru, 2000 wara raid li sar mill-Pulizija u precizament minn membri tal-Economic Crime Unit tal-Pulizija f'mahzen fl-Iklin fejn instab ammont ta' xorb alkoholiku illi allegatament ma giex mhallas dazju fuqu gie maqbud truck li minn fuqu kien qed jinhatt ix-xorb alkoholiku in kwistjoni;

U illi dan it-truck ERF bin-numru KAD 978 huwa proprjeta' tas-socjeta' attrici u fil-fatt huwa registrat f'isem Silvio Cutajar ghan-nom ta' Cutrans Limited;

U illi l-persuna illi dakinhar tas-sejba tax-xorb alkoholiku kien qed juza u jsuq it-truck imsemmi kien certu Chris Cutajar illi huwa biss impjegat tas-socjeta' attrici;

U illi s-socjeta' attrici, sid it-truck, kif ukoll id-diretturi u rapprezentanti tal-istess socjeta' attrici ma kienu jafu b'xejn illi kien qed isir dakinhar tas-26 ta' Dicembru, 2000 mill-impjegat taghhom u lanqas ma kienu jafu illi fil-fatt it-truck in kwistjoni kien f'idejn l-istess impjegat Chris Cutajar u ma kienux jafu bl-importazzjoni o meno tax-xorb alkoholiku;

U illi ghaldaqstant s-socjeta' attrici u r-rapprezentanti taghha huma persuni in buona fede li ma ghandhom ebda konnessjoni mal-allegat delitt li qed jigi investigat mill-Pulizija;

U illi l-Pulizija la indizjat is-socjeta' attrici u lanqas lid-diretturi taghha fl-investigazzjoni taghhom u fil-fatt ma ressqu l-ebda wiehed minnhom quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u dan stante illi mill-inkjesta s-socjeta' attrici ma gietx indizzjata;

U illi s-socjeta' attrici qieghdha tbaghti spejjez, danni u telf ta' profitt minhabba t-telf tal-uzu tat-truck li huwa bzonnjuz fl-avvjament ta' kuljum tan-negozju taghha u barra minn hekk t-truck qed igarrab hsara minhabba in-'non uso' tieghu;

U illi t-truck ghadu maqbud taht l-Awtorita' tal-Kontrollur tad-Dwana a tenur tal-Artikolu 69 tal-Ordinanza tad-Dwana, 1909 hekk kif jidher mis-'Seizure Note' illi rceviet is-socjeta' attrici mill-Kontrollur tad-Dwana fis-7 ta' Frar, 2001 (Dok A);

U illi fid-9 ta' Jannar, 2001 is-socjeta' attrici tramite il-

konsulent legali taghha sottoskritt avzat bil-miktub li lill-Kontrollur tad-Dwana ai termini tal-Artikolu 72(2) tal-Ordinanza tad-Dwana illi qed titlob lura t-truck hekk maqbud u illi bi hsiebha titlob lura l-istess truck, (Dok B);

U illi l-konvenuti sa llum baqghu inadempjenti u la rritornaw it-truck fuq imsemmi u lanqas ressqu ghall-likwidazzjoni tad-danni sofferti mis-socjeta' attrici;

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tordna lill-konvenut jirrilaxxja minn taht il-kustodja tieghu t-truck ERF bin-numru ta' registrazzjoni KAD 978 proprjeta' tas-socjeta' attrici Cuttrans Limited fi zmien qasir u perentorju li jigi lilha ffissat;

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenut hu responsabbli ghad-danni kollha inkluz telf ta' profitt li soffriet u qed issofri is-socjeta' attrici minhabba l-fatt illi t-truck ERF bin-numru KAD 978 mhux qieghed fil-pussess taghha u ergo ma tistax tuzah ghan-negozju taghha;

3. Tillikwida id-danni sofferti mis-socjeta' attrici inkluz telf ta' profitt li soffriet u qed issofri is-socjeta' attrici minhabba l-fatt illi t-truck ERF bin-numru KAD 978 mhux qieghed fil-pussess taghha u erga ma tistax tuzah ghan-negozju taghha;

4. Tikkundanna lill-konvenut jhallas id-danni hekk likwidati ghan-non uso u telf profitt fil-gestjoni tat-truck ERF bin-numru KAD 978.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri legali tat-28 ta' Dicembru, 2000 u d-9 ta' Jannar, 2001 u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici mahlufa minn Raymond Cutajar, I.D. 142761(M) u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijietipprezentata fis-16 ta' Marzu, 2001 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa:

1. Illi preliminarjament in-nullita' tac-citazzjoni stante li hemm ligi specjali u cioe' l-Ordinanza tad-Dwana Kap 37 li tipprovdi procedura ohra biex tkun impunjata n-nota ta' qbid.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-tieni, it-tielet u r-raba' talba huma nulli stante li biex jintalab hlas ta' danni wara ezercizzju ta' poter amministrattiv, irid l-ewwel ikun dikjarat li l-att amministrattiv hu null, u mbaghad b'azzjoni separata, irid ikun ippruvat li dak l-att amministrattiv sar ai termini tal-artiklu 469A tal-Kap 12. Huwa biss f'dak il-punt, li tista' ssir talba ghall-hlas tad-danni.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fir-rigward tat-talba ghall-hlas tal-ispejjez, l-ispejjez legali li jistghu jintalbu jinkludu biss dawk tal-ittri ufficjali u mhux tal-ittri bonarji, u ghalhekk ma jistghux jintalbu spejjez ta' ittri li m'humiex ittri ufficjali jew atti ohra tal-Qorti.

4. Illi fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, in-nota ta' qbid inharget regolarment u skond il-ligi, stante li t-trakk numru ta' registrazzjoni KAD 978 kien il-mezz li fih ingarru oggetti sdazjati u ghalhekk huwa suggett ghall-konfiska skond kif tipprovdi l-Ordinanza tad-Dwana.

5. Illi fi kwalunkwe kaz, in-nota ta' qbid harget b'mod regolari u skond il-ligi, u ghalhekk il-konvenut Kontrollur tad-Dwana m'ghandux ibati spejjez.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta’ konvenuta mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat id-digriet taghha tat-3 ta’ April, 2001 li bih ghall-finijet tal-Artikolu 164 (20 tal-Kapitolu 12) il-Qorti ordnat il-bdil tal-atti u minnflok l-att tac-citazjoni jitressaq rikors, liema rikors gie ppresentat jumejn wara.

Rat is-sentenza taghha tas-16 ta’ Mejju, 2002 fejn il-Qorti laqghet it-tieni eccezjoni tal-intimat u ghalhekk astjeniet li tiehu konjizzjoni tat-tieni, tielet u raba’ talba tal-kumpanija rikorrenti.

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta’ Gunju, 2005 li permezz taghha l-kawza thalliet ghs-sentenza dwar ir-risposta ulterjuri tal-intimat wara li semghet it-trattazjoni tal-Avukati tal-partijiet.

Ikkunsidrat;

Illi r-risposta ulterjuri msemmija hija fis-sens li billi fil-mori tal-kawza giet ordnata il-konfiska tal-vettura in kwistjoni mill-Qorti tal-Magistrati permezz tas-sentenza moghtija a fol 89 tal-process it-talba tar-rikorrenti issa ma tistax tintlaqa’ u allura r-rikorrenti ma ghandhomx interess iktar fil-kawza. Fit-trattazzjoni orali l-abbli difensur tas-socjeta’ rikorrenti argumenta kontra dan u semma l-fatt li hadd mid-diretturi tas-socjeta’ imsemmija ma kien involut fil-proceduri kriminali msemmija.

Madankollu hu car li ladarba il-vettura giet konfiskata b’sentenza tal-Qorti illi ghaddiet in gudikat, ir-rikorrenti qatt ma jista’ jkollhom it-talba taghhom milqugha ghaliex il-Qorti ma tistax permezz tas-sentenza finali taghha trendi inutili sentenza gia’ moghtija minn Qorti ohra u li ghaddiet in gudikat. Din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet Lorenzo Gauci et vs Joseph Camilleri (10 ta’ Jannar, 2005) iccitat sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fit-13 ta’ Frar, 1953 illi qalet illi *Skond id-duttirna u l-*

*gurisprudenza biex wiehed jista' jinghad illi ghandu interess legali biex jipproponi azzjoni huwa bizzejjed li l-kawza tista' tipproduci rizultat utili jew vantaggjuz.* Huwa evidenti illi f'din il-kawza, wara s-sentenza msemmija tal-Qorti tal-Magistrati, ma jista' jirrizulta ebda rizultat utili ghar-rikorrenti.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa' l-eccezzjoni proposta fir-risposta ulterjuri tal-intimat u ghalhekk tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju fir-rigward tat-talbiet tar-rikorrenti li ma giex deciz dwarhom fis-sentenza tas-16 ta' Mejju, 2002 fuq imsemmija; l-ispejjes jithallsu mis-socjeta' rikorrenti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------